# In-niċċa ta' Sant'Anna u l-Knisja Parrokjali l-qadima – Marsaskala

Ms Elizabeth Cassar CLJ, BCrLJ, Don( 3LJ)
Membru tal-Bord tad-Diretturi- Malta Philiarmonic Orchestra
Ex-Kunsilliera, Attivitajiet Kulturali u Soċjali Marsaskala



Id-devozzjoni kbira lejn il-Qaddisa Padruna tagħna ta' Marsaskala ilha teżisti minn qabel ma nbniet l-ewwel knisja ddedikata lilha. Sa seklu ilu, statwa tal-ġebel ta' Sant'Anna kienet teżisti fuq pilastru 'l bogħod mill-bini. L-istatwa ġiet skolpita fl-1857 minn Alexander Farrugia (1791 - 1871) li kien miż-Żejtun. Alexander studja taħt l-iskultur li għamel ħafna statwi f'Malta u li kien magħruf sew , Mariano Gerada, Bormliż. Parti mill-kitba mħassra ta' taħt l-istatwa turi kif l-Isqof Publius M.Dei Conti Sant (1847 - 1857) kien ta indulġenza ta' 50 jum lil dawk kollha li kienu jgħidu talba qasira quddiem l-istatwa. Illum l-istatwa hi mpoġġija f'niċċa kbira fil-pjazza Dun Tarcisio Agius.

Fl-1615, Ħaż-Żabbar u Marsaskala kienu għadhom jagħmlu parti mill-parroċċa taż-Żejtun. F'Ħaż-Żabbar u l-madwar kienu jgħixu biss madwar 650 persuna. Saret talba lil Isqof biex jikkonsidra lil Ħaż-Żabbar bħalha Parroċċa indipendenti miż-Żejtun fejn l-Isqof aċċetta u Reverendu Angelo Pontremoli ġie appuntat bħalha l-ewwel qassis tal-Parroċċa tal-Knisja Parrokjali l-ġdida. Fis-seklu 19, il-mod kif kienu jittrattaw lill-pirati u l-iskjavi kien tneħħa. Dan inkoraġġixxa lin-nies b'mod speċjali tan-naħa tal-Kottonera, jibnu djar tas-sajf bħalha rikrejazzjoni, ma ġenb il-baħar. Fr Carmelo Mousu' u Fr Joseph Portelli, qassisin mill-Isla, kienu jiffrekwentaw Marsaskala fis-Sajf biex jieħdu ħsieb ir-residenti tas-Sajf. Xtaqu kieku li jkollhom knisja f'nofs il-bini biex iservi bħalha post spiritwali għal dawk li jkunu residenti għal vakanzi tas-sajf, sajjieda u kif ukoll bdiewa.





*Dun Tarcisio Agius*

Fid-19 ta' April ta' 1895, fil-preżenza tan-Nutar Joseph Rossi, sar kuntratt nutarili. Il-Knisja li riedet tinbena fuq art magħrufa bħala Bir il-Mielaħ, tiġi ddedikata lil Sant'Anna. Din l-art kienet fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar. L-ispejjes tal-binja tal-knisja u tal-għamara ta' ġewwa, ġew imħallsa mir-Reverendu tal-Isla. Iktar minn hekk, dik it-Triq fejn kellha tinbena l-Knisja ġiet imsemmija 'La Sengle', wara l-fundatur tal-Isla, Il-Granmastru Jean Claude de la Sengle. Il-Knisja kienet lesta u mbierka fit-22 ta' Novembru 1903 mill-Arċipriet tal-Isla, il-Kanonku Francis Briffa. Minħabba li n-numru ta' residenti beda jikber kontinwament, l-Isqof ta' Malta, Monsinjur Mauro Caruana poġġa din il-knisja żgħira bħalha l-viċi parroċċa ta' Ħaż-Żabbar. F'Diċembru ta' 1918, Wied il-Għajn ġiet Parroċċa fejn bdiet isservi wkoll għal limiti tal-madwar ta Ħaż-Żabbar u taż-Żejtun. Dun Tarċisju Agius kien l-ewwel kappillan wara li serva bħalha vigarju kuratur għal 6 snin.

IL-FESTA T-TAJBA LILl-ISKALIN KOLLHA


OUTDOOR SPORTS ASSOCIATION

*Ad Astra Per Aspera*

*Marsaskala*
*VO/0132, KMS/0 020*
*49, Triq Sant'Anna, Marsaskala, MSK 2126*

*Iċ-Ċerpersin in-Nutar Dr. Ruben Casingena flimkien mal-kumitat jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.*